# Animazzjoni -It-Tieni Ħadd tar-Randan (Sena Ċ)

**Dhul:**

Permezz tal-Liturġija ta' dan it-Tieni Ħadd tar-Randan, se nkomplu l-mixja tagħna f'dan iż-żmien hekk qawwi u qaddis li jwassalna għall-Għid il-Kbir. Il-liturġija tal-lum tistedinna sabiex nitfgħu ħarsitna lejn il-wiċċ ta' Alla sabiex inkunu nistgħu ninbidlu.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fil-Liturġija tal-Kelma tal-lum, tidher l-importanza li wieħed jibqa' fidil lejn il-Mulej. Dan jidher b'mod speċjali f'Abraham, li miegħu Alla għamel patt. Għandu jidher ukoll fina l-insara li li ngħixu bit-tama li nidħlu fil-glorja tas-sema. Il-qofol ta' dan kollu però jidher f'Ġesù li jittrasfigura ruħu waqt li kien jitlob, filwaqt li jinstema leħen jgħid "Dan hu Ibni l-maħtur, lilu isimgħu."
Nisimgħu il-Kelma ta' Alla.

**Salm Responsorjali:** Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi.

**Offertorju:**

Alla qed isejħilna biex kif ma' Abraham għamel patt hekk ukoll jagħmel magħna. Din is-sejħa titlob minna ħidma u offerta kontinwa.
Ejjew inressqu l-offerti tagħna f'riġlejn l-artal, filwaqt li nkantaw flimkien.

**Tqarbin**

"Dan hu Ibni l-maħtur, lilu isimgħu!" Dan is-smigħ għandu jkun akkumpanjat mill-Ewkaristija li ssaħħaħna. Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.